MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 952/2005

**Mobisle Communications Limited**
**C24655**

**Vs**

**Francis Mizzi**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' sitt mija u disa' liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm609.86c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut skond Client Contract Number 1002392 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Lulju 2004 u Novembru 2004.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali ta' l-1 ta' Marzu, 2005, dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat

kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba, dawk ta' l-Ittra Ufficjali lill-banek relattiva ghall-imsemmi Mandat, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Philip Magri jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------